enthusiasm of the first years of your priestly ministry nor feel downcast, but sustain each other in the fraternal priesthood that draws its strength from the same sacrament.

# Id-Doni ta' l-Ispirtu s-Santu (5) Ix-Xjenza

Permezz tad-don tax-xjenza, l-Ispirtu Qaddis inebbaħna fl-apprezzament tagħna tal-ħolqien. Igħinna biex nagħtu ġudizzju fid-dawl tar-rieda ta' Alla. L-iskrittura tiddeskrivi x-xjenza bħala l-għarfien tal-ħwejjeġ qaddisa ta' Alla: Lill-ġust, ... l-għerf mexxieh minn toroq dritti, wrieh is-saltna ta' Alla, u għarrfu l-ħwejjeġ qaddisa tiegħu" (Għerf 10,10)



Mulej Missier Qaddis, nirringrazzjawk ta' dan id-don. Permezz tiegħu, aħna ninfatmu minn dak kollu li hu ta' l-art biex nagħżlu lilek. Ma' San Pawl inkunu nistgħu ngħidu: "Jien ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qliegħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu" (Fil 3,8).

Missier Qaddis, l-Ispirtu tiegħek "hu l-għajn tal-qdusija u d-dawl tal-fehma tagħna", kif igħidilna San Bażilju l-Kbir. Bid-don tax-xjenza, l-Ispirtu – bil-qawwa tiegħu – idawwalna biex naslu li nagħrfu l-verità tiegħek. Int tgħinna nagħrfu wkoll is-sejħa sopranaturali tagħna u l-mezzi li tipprovdilna biex naslu għaliha. Agħmel, Mulej, li aħna u nilqgħu dan id-don tiegħek, nikbru "fil-grazzja u fl-għarfien ta' Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu" (2 Pt 3,18).

Waqt li nużaw dan id-don fid-dixxerniment personali

u ekkleżjali, naslu biex inħeġġu lil ħutna saċerdoti, persuni kkonsagrati u lajċi, bi kliem San Pawl: "U jien dan nitlob: li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed bl-għerf u b'kull dehen" (Fil 1,9).

Aqra u rrifletti: "O Alla li tista' kollox, Missier Sidna Ġesù Kristu, int tajt twelid ġdid lil dawn il-qaddejja tiegħek mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu, u ħlisthom minn dnubiethom; ibgħat fuqhom, Mulej, l-Ispirtu s-Santu, id-Difensur: agħtihom l-ispirtu ta' l-għaqal u l-qawwa, l-ispirtu tax-xjenza u l-pjetà, imliehom bl-ispirtu tal-biża tiegħek". (Mill-Ordni għall-Griżma, nru. 25)

"U l-qawwa tal-liġi tiegħu; u s-salvazzjoni tiegħek fl-għerf u s-sapjenza" (Is 33,6)

"Don tal-Mulej li wieħed ikun għaref u l-Liġi jifħimha, u jagħrafħa" (Sir 11,15)

*Fr. Hector Scerri*

# CLERGY BOOK SERVICE



246. RICHARD FOLEY SJ *Mary and the Eucharist* (198 pp)
ISBN 1-891431-005; St. Pauls; UK Stg. 6.95

Dan il-ktieb joħroġ l-iżvilupp tat-tagħlim u tad-devozzjoni kemm ta' l-Ewkaristija kif ukoll tal-Madonna. L-awtur ma jippruvax jieħu l-post ta' l-Iben permezz ta' Ommu. Imma juri kif ma nistgħux mmorru għand Wieħed jekk ma jkollnix l-Oħra.

247. B. COLE OP & P. CONNER OP, *Christian Totality. Theology of the Consecrated Life* (367pp.)
ISBN 0-8189-0798-3; St. Pauls; UK Stg. 13.95